Ref Nru: 1

Il-minuti ta' l-ewwel laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar l-Erbgha 4 t' April 2012, fis-7:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg (26366 G)<br>Clint Camilleri<br>Paul Buttigieg (218163 M)<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba.**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba. Skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, Victor Grech bhala l-Kunsillier l-iktar anzjan mexxa l-ewwel parti tal-laqgha. Huwa rringrazzja lil Kunsillieri li ma baqghux membri fil-Kunsill u awgura l-Kunsillieri l-godda fil-Kunsill. Huwa rringrazzja lil Paul Buttigieg numru tal-karta ta' l-identita` (26366 G) li ghal sittax 'il sena huwa okkupa l-kariga ta' Sindku, tal-hidma tieghu, tax-xoghol u progetti li twettqu waqt li huwa kien jokkupa din il-kariga. Il-Kunsillier Victor Grech semma li fil-legislaturi precedenti l-Kunsillieri dejjem hadmu ghal ghan wiehed li huwa ghal gid tal-lokalita` tal-Qala u minghajr ebda interessi le personali u lanqas politici u li dan il-Kunsill prezenti hekk ghandu jibqa` jahdem.

**2 Hatra ta' Sindku.**

2.1 Il-Kunsillier Victor Grech iddikjara li fl-elezzjonijiet lokali tal-10 ta' Marzu, 2012 Clint Camilleri gie mahtur Sindku u staqsieh jekk jaccettax din il-kariga. Clint Camilleri kkonferma l-accettazzjoni tal-kariga ta' Sindku. .

**3 Hatra ta' Vici Sindku.**

3.1 Il-Kunsillier Victor Grech iddikjara li fl-elezzjonijiet lokali tal-10 ta' Marzu, 2012 Paul Buttigieg numru tal-karta ta' l-identita` (218163 M) gie mahtur Vici Sindku u staqsieh jekk jaccettax din il-kariga. Paul Buttigieg kkonferma l-accettazzjoni tal-kariga ta' Vici Sindku.

QALA

Is-Segretarja Ezekuttiva pprezentat lis-Sindku, lill-Vici Sindku u lill-Kunsillieri il-formoli taghhom tal-gurament tal-hatra tal-kariga ta' Kunsillier.

Il-laqgha ntemmet fis-7:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar il-Gimgha 20 t' April 2012.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |